MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 415/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Gordon Caruana**

**Illum 14 ta' Frar, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 157874 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-5 ta' Lulju, 2008 ghall-habta ta' 23.30 hrs gewwa c-Cerviola Hotel li tinsab gewwa Triq il-Qaliet, M'Scala

1. volontarjament kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat jew b'mod iehor
2. fl-istess cirkostanzi semma jew daqq strument tal-muzika jew strument iehor li jaghmel il-hoss jew jghanni jew sabiex ibiegh fit-toroq, iqassam jew ixxandar xi oggett ghajjat fit-triq, f'hanut jew f'lok pubbliku iehor wara li gie mwissi biex ma tissoktax mid-detenur jew minn persuna ohra li toqghod fil-bini qarib minhabbba mard ta' persuna

f'dak il-bini jew ghal xi raguni ohra tajba li wara li gie mwissi mill-Pulizija
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fi triq jew f'post pubbliku iehor jew f'kull bini iehor haddem jew gieghel lil min ihaddem loudspeaker, gramafon, amplifikatur jew xi strument bhala dawn inkella gieghel jew ippermetta li jsiru hsejjes daqshekk qawwijja li jdejqu lin-nies li joqghodu fil-bini qarib.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Settembru, 2012, li biha, sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza u kkundannatu ghall-piena ta' Ewro 58 ammenda w ma sabitux hati tat-tieni u tat-tielet akkuzi, stante li ma kienux sufficjentement ippruvati u minnhom illiberatu.
Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta' Settembru, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu hati u tirrevokaha ghall-kumplament u hekk tilliberah minn kull htija u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe` :-

F'dan il-kaz hija biss kontravenzjoni ta' ksur tal-mistieh tan-nies imma l-prova li trid issir hija illi kien hemm nies illi riedu jorqdu u dawn ma thallewx. Hekk per ezempju wiehed illi jmur f'ghalqa 'l boghod u jdoqq radju b'hoss qawwi u ma jisimghu hadd fil-vicin, ma jistax jinghad illi qed jikser il-mistrieh tan-nies. Ghallinqas mank ingieb xhud wiehed illi kiser tali mistrieh.

Il-Pulizija ma jistghux jghidu illi nkiser dan il-mistrieh ghas-semplici raguni illi huma ma kienux reqdin vicin il-lukanda imma kienu on duty u allura ma kienux reqdin. L-unika haga illi tezisti dwar il-Pulizija huwa l-isleeping policeman pero` dak jinsab fit-toroq u mhux fl-ghasses tal-Pulizija.

Illi ghalhekk prova dwar din il-kontravenzjoni ma kienx hemm u wiehed ma jistax jasal ghall-htija semplicement fuq opinjoni minghajr ebda prova.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fil-5 ta' Lulju, 2008 il-pulizija dahlitilha rapport ghall- habta ta' 23:30 hrs illi gewwa l-lukanda Cerviola li tinsab fi Triq il-Qaliet, Marsaskala kien hemm muzika gholja hafna. Ghalhekk WPS 156 Sonia Parascandalo, PS 329, PC 941 u PC 572 marru fuq il-post u hemmhekk setghu jikkonstataw muzika gholja illi kienet qed tinstema mit-triq. Kellmu lil sid il-lukanda Lawrance Borg u qalulu sabiex inaqqas il-volum. Dak il-hin stess Borg qabbad lit-tifel tieghu sabiex ibaxxi l-volum. Izda dan ma kienx bizzejjed u xorta l-muzika baqghet gholja hafna. Meta l-pulizija regghu gibdu l-attenzjoni ta' Borg illi l-mizura tieghu ma kienetx bizzejjed, hawnhekk beda jkun arroganti u jehodha mal-pulizija. Tant hu hekk illi l-pulizija spiccat biex gabet proceduri kontra tieghu. Meta l-pulizija dahlu fil-fond sabu illi l-muzika kienet qieghda tindaqq mill-appellant Gordon Caruana. B'Sentenza tat-18 ta' Settembru, 2012 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati talli kiser il-mistrih tan-nies bil-lejl.

Ikkunsidrat.

L-appellant qieghed jilmenta illi ma ngabet l-ebda prova illi bil-muzika li kien qieghed idoqq iddisturba lil xi hadd u jekk xi hadd ghamel xi rapport lill-pulizija dan messu ngab il-Qorti sabiex jixhed u jghid li l-muzika li kienet hierga mill-lukanda kienet qed tiddisturbah. La dan ma sarx allura ma hemmx prova illi l-appellant kiser il-mistrih tan-nies. Bir-rispett il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument. L-akkuza illi bih l-appellant instab hati hija wahda ta' natura kontravenzjonali li tfisser illi jrid isir it-test oggettiv u mhux dak soggettiv. La l-pulizija kkonstataw hoss qawwi gej mil-lukanda liema hoss kien qed jigi ggenerat mill-appellant bhala d-DJ tal-post, allura dana huwa bizzejjed sabiex il-Qorti ssib htija. Mhuwiex ikkontestat illi ma kienx l-appellant illi kien qieghed idoqq il-muzika. Dan iggustifika l-agir tieghu meta qal illi huwa kien imqabbad mis-sur

Borg sabiex idoqq. F'ghajnejn il-Qorti dina mhijiex gustifikazzjoni. Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setght liberament u legalment tasal ghall- konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din is-Sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------